

Il-miri ta' reżistenza għall-antimikrobiċi: kif nistgħu nilħquhom sal- 2030?



Il-mikroorganiżmi jsiru reżistenti għall-antimikrobiċi: għaliex din hija kwistjoni?

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi hija sfida maġġuri għas-saħħa pubblika fl-Ewropa u globalment. Kull sena fl-Unjoni Ewropea (UE) kollha, fl-Iżlanda u fin-Norveġja, aktar minn 35 000 persuna jmutu minħabba infezzjonijiet b' batterji li huma reżistenti għall-antimikrobiċi¹. Dan in-numru żdied f'dawn l-aħħar snin. L-impatt li dawn l-infezzjonijiet għandhom fuq is-saħħa pubblika huwa komparabbli ma' dak tal-influenza, tat-tuberkulożi u tal-HIV/AIDS flimkien.

Maż-żmien, il-batterji, il-fungi u l-parassiti jistgħu jadattaw biex jifilħu għall-effetti tal-antimikrobiċi li kienu mfassla biex joqtluhom. Din ir-reżistenza hija r-riżultat ta' użu mhux xieraq u eċċessiv ta' antimikrobiċi fil-bnedmin, fl-annimali u fil-biedja, kif ukoll ta' miżuri inadegwati ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet f'ambjenti tal-kura tas-saħħa.



Meta l-antimikrobiċi (inklużi l-antibijotiċi) isiru inqas effettivi, l-infezzjonijiet regolari jsiru dejjem aktar diffiċli jew impossibbli li jiġu ttrattati. Dan jista' jirriżulta f'mard li jdum u xi drabi anke f'mewt.

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi hija theddida għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, kif ukoll għall-ambjent, peress li l-mikroorganiżmi b' hall-batterji jinfirxu fis-setturi kollha u bejniethom. Għalhekk, din il-kwistjoni jeħtieġ li tiġi indirizzata b'azzjoni integrata minn diversi setturi, magħrufa b'ħala l-approċċ Saħħa Waħda.

Il-kost annwali tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-UE u fil-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) huwa ta' kważi EUR 11.7-il biljun, jew EUR 24 għal kull persuna. EUR 6.6 biljuni tal-kost totali (madwar EUR 13.4-il għal kull persuna) huma marbuta ma' nefqa addizzjonali fuq is-saħħa minħabba t-trattament ta' infezzjonijiet reżistenti u l-konsegwenzi tagħhom. Barra minn hekk, EUR 5.1 biljuni (EUR 10.4 għal kull persuna) huma relatati ma' telf ekonomiku minħabba tnaqqis fil-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol (eż. telf prematur tal-ħajja jew tnaqqis fil-produttività minħabba liv fit-tul minħabba mard)².

Kif jista' jkun il-futur?

Mingħajr azzjoni urġenti, huma previsti konsegwenzi serji għas-saħħa, u fl-ambitu soċjali u ekonomiku:

- Infezzjonijiet sempliċi jistgħu jsiru diffiċli jew impossibbli li jiġu ttrattati b'antibijotiċi jew b'antimikrobiċi oħra, u jikkawżaw mard fit-tul.
- Proċeduri kirurġiċi sempliċi, trapjanti tal-organi u trattamenti tal-kanċer jiġu affettwati b'mod sever, peress li l-pazjenti jiddependu mid-disponibbiltà ta' antimikrobiċi effettivi għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' infezzjonijiet.
- Il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jistgħu jiffaċċaw żieda f'pazjenti b'infezzjonijiet li huma diffiċli li jiġu ttrattati, u dan joħloq pressjoni fuq ir-riżorsi u jżid id-domanda għall-kura speċjalizzata.

- Perjodi twal fl-isptar, żieda fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa u tnaqqis fil-produttività minħabba mard jew mewta prematura jistgħu jwasslu għal żieda fl-impatt ekonomiku fuq l-individwi, fuq il-familji u fuq is-soċjetajiet.




X'inhuma l-miri tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u għaliex huma importanti?



Mod konkret u li jista' jitkejjel għall-monitoraġġ tal-progress fil-livell tal-UE u dak nazzjonali

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ "Saħħa Waħda" ġiet adottata fit-13 ta' Ġunju 2023³. Id-dokument jiddeskrivi ħames miri relatati mal-konsum tal-antimikrobiċi u r-reżistenza għall-antimikrobiċi li għandhom jintlaħqu sal-2030, bl-użu tal-2019 bħala linja bażi.

Il-miri rakkomandati jirrappreżentaw mod effettiv kif jiġi mmonitorjat il-progress u kif jintlaħqu l-għanijiet relatati mal-prevenzjoni u mat-tnaqqis tar-reżistenza għall-antimikrobiċi. Dawn huma għanijiet konkreti u li jistgħu jitkejju għall-UE b'mod ġenerali u għal kull Stat Membru tal-UE, skont is-sitwazzjonijiet individwali tagħhom.

Xi progress qed tagħmel l-UE lejn il-miri ta' reżistenza għall-antimikrobiċi tal-2030?

 Tnaqqis b'20 % tal-konsum totali tal-antibijotiċi fil-bnedmin Bħala dożi ta' kuljum definiti (DDD) għal kull 1 000 abitant kull ġurnata	2019 Linja bażi	19.9	-
	2022	19.4	-2.5%
	MIRA Għall-2030	15.9	-20%
 Mill-inqas 65 % tal-konsum totali tal-antibijotiċi fil-bnedmin jappartjeni għall-grupp ta' antibijotiċi ta' "Access" Kif definit fil-klassifikazzjoni AWaRe tad-WHO	2019 Linja bażi	61.1%	-
	2022	59.8%	-1.3%
	MIRA Għall-2030	65%	+3.9%
 Titnaqqas bi 15 % l-inċidenza totali ta' infezzjonijiet fid-demm bi <i>Staphylococcus aureus</i> reżistenti għall-metiċillina (MRSA) Numru għal kull popolazzjoni ta' 100 000	2019 Linja bażi	5.6	-
	2022	4.9	-12.2%
	MIRA Għall-2030	4.8	-15%

 <p>Titnaqqas b'10 % l-inċidenza totali ta' infezzjonijiet fid-demm b' <i>Escherichia coli</i> reżistenti għaċ-ċefalosporina tat-tielet ġenerazzjoni</p> <p>Numru għal kull popolazzjoni ta' 100 000</p>	2019 Linja bażi	10.4	-
	2022	8.7	-16.8%
	MIRA GĦALL-2030	9.4	-10%
 <p>Titnaqqas b'5 % l-inċidenza totali ta' infezzjonijiet fid-demm bi <i>Klebsiella pneumoniae</i> reżistenti għall-karbapenemi</p> <p>Numru għal kull popolazzjoni ta' 100 000</p>	2019 Linja bażi	2.2	-
	2022	3.3	+49.7%
	MIRA GĦALL-2030	2.1	-5%

Sal-2022, il-konsum totali tal-antibijotiċi fil-bnedmin (is-settur tal-komunità u dak tal-isptarjiet flimkien) kien naqas bi 2.5 % mis-sena bażi tal-2019, u dan jindika progress kajman lejn il-mira tal-UE li l-konsum totali jitnaqqas b'20 % sal-2030 (il-mira 1).

Disa' Stati Membri tal-UE biss laħqu jew qabżu l-mira ta' mill-inqas 65 % tal-konsum ta' antibijotiċi li kienu mill-grupp ta' "Access" (skont il-klassifikazzjoni tal-antibijotiċi AWaRe tad-WHO) sal-2023 (il-mira 2), filwaqt li 17-il pajjiż baqgħu taħt din il-mira. Għall-UE b'mod ġenerali, dan il-perċentwal kien ta' 59.8 % fl-2022.

L-inċidenzi totali għall-infezzjonijiet fid-demm bl-MRSA (il-mira 3) u bl-*E. coli* tat-tielet ġenerazzjoni reżistenti għaċ-ċefalosporina (il-mira 4) it-tnejn urew xejriet ta' tnaqqis fil-livell tal-UE, bi tnaqqis ta' 12.2 % u 16.8 % bejn l-2019 u l-2022, rispettivament. Għall-*E. coli* tat-tielet ġenerazzjoni reżistenti għaċ-ċefalosporina dan ifisser li, b'mod ġenerali, l-UE diġà laħqet il-mira ta' tnaqqis ta' 10 % fl-2022.

B'kuntrast għal dan, l-inċidenza totali ta' infezzjonijiet fid-demm bil-*K. pneumoniae* reżistenti għall-karbapenem (il-mira 5) żdiedet bi kważi 50 % bejn l-2019 u l-2022. Dan ifisser li s-sitwazzjoni fl-UE marret għall-agħar mill-2019, minflok ma għamlet progress lejn il-mira ta' tnaqqis ta' 5 % sal-2030.

Għalkemm kien hemm progress kajman f'ċerti oqsma, hemm il-ħtieġa għal sforzi intensifikati biex jiġi żgurat li l-miri jintlaħqu kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

L-ilħuq tal-miri sal-2030: azzjonijiet ewlenin

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi hija ta' tħassib għas-saħħa pubblika u jeħtieġ li tiġi indirizzata fuq diversi fronti u minn atturi differenti. Filwaqt li hija r-responsabbiltà ta' kulħadd li jiġi żgurat li l-antimikrobiċi jibqgħu effettivi, hemm gruppi speċifiċi li għandhom responsabbiltà msaħħa, bħal dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali u dak lokali, kif ukoll dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'ambjenti tal-kura tas-saħħa.

Dawn il-gruppi jistgħu jmxexxu 'l quddiem jew jimplementaw azzjonijiet li jgħinu biex titnaqqas l-emerġenza u l-firxa tal-batterji reżistenti għall-antimikrobiċi, inkluż il-promozzjoni tal-użu prudenti tal-antimikrobiċi, l-appoġġ għal titjib fil-prevenzjoni tal-infezzjonijiet u fil-prattiki ta' kontroll, it-tiħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-iżgurar li jkun hemm fis-seħħ politiki u proċeduri fil-livell nazzjonali.

Il-promozzjoni tal-użu prudenti tal-antimikrobiċi fil-komunità u f'ambjenti tal-kura tas-saħħa



L-użu prudenti jfisser li l-antimikrobiċi jintużaw biss meta jkunu meħtieġa, bid-doża korretta, b'intervalli tad-dożaġġ xierqa u għadurata tal-kors.

Fil-komunità, il-promozzjoni tal-użu prudenti tal-antimikrobiċi tista' ssir permezz tal-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-popolazzjoni ġenerali. Dawn għandhom jenfasizzaw l-importanza li l-antimikrobiċi jittieħdu kif preskritt minn professjonista tas-saħħa u biss meta jkunu meħtieġa.

F'ambjenti tal-kura tas-saħħa, dan jiġi implimentat b'mod effettiv permezz tal-istabbiliment ta' programmi dwar politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi, li jtejbu wkoll ir-riżultati tal-pazjenti, jgħinu biex jitnaqqsu r-rati ta' reżistenza għall-antimikrobiċi u jnaqqsu t-tixrid ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa.

AWaRe dwar l-antibijotiċi

AWaRe⁴ hija għodda żviluppata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex tappoġġa l-isforzi tal-politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi. L-għodda taqsam l-antibijotiċi fi tliet gruppi, filwaqt li tqis l-impatti rispettivi tagħhom fuq ir-reżistenza għall-antimikrobiċi b'mod ġenerali:

Aċċess — Antibijotiċi għat-trattament tal-ewwel jew tat-tieni linja ta' infezzjonijiet komuni (bħal infezzjonijiet tal-widna), b'possibbiltà baxxa li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għat-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Ara – Antibijotiċi b'impatt negattiv aktar qawwi fuq ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, iżda li huma l-għażliet l-aktar effettivi għal grupp limitat ta' infezzjonijiet (eż. infezzjonijiet fil-kliwi). L-użu tagħhom għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib u ristrett għal indikazzjonijiet limitati.

Riżerva — Antibijotiċi tal-aħħar istanza li jistgħu jkunu effettivi kontra batterji reżistenti għal ħafna mediċini. Dawn huma għodda siewja li għandha tintuża mill-inqas possibbli.



Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri u politiki effettivi ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet f'ambjenti tal-kura tas-saħħa u fil-komunità

L-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa jikkawżaw aktar imwiet fl-Ewropa minn kwalunkwe marda infettiva oħra taħt is-sorveljanza tal-ECDC⁵. Aktar minn 70 % tal-impatt tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fuq is-saħħa fl-UE/fiż-ŻEE huwa dovut għal infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, li nofshom jistgħu jiġu evitati permezz ta' miżuri adegwati għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet¹.

F'ambjenti tal-kura tas-saħħa, l-implimentazzjoni f'waqtha ta' miżuri ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet hija essenzjali biex jiġi minimizzat it-tixrid ta' batterji reżistenti għall-antimikrobiċi u, konsegwentement, l-impatt tagħhom fuq pazjenti rikoverati l-isptar. Dan jeħtieġ li tittieħed azzjoni minn diversi gruppi, inklużi dawk li jfasslu l-politika, il-manigġers tal-kura tas-saħħa, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, il-pazjenti u l-viżitaturi.

Fil-komunità, ħafna infezzjonijiet jistgħu jiġu evitati permezz tal-iġjene tal-idejn u miżuri oħra ta' prevenzjoni u ta' kontroll tal-infezzjonijiet, bħall-osservazzjoni tal-etikett respiratorju u l-permanenza fid-dar meta persuna tkun marida, u dan jista' jirriżulta f'inqas ħtiġijiet ta' kura medika u inqas preskrizzjonijiet ta' antimikrobiċi bla bżonn, kif deher matul il-pandemija tal-COVID-19.

Żieda fis-sorveljanza tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-konsum tal-antimikrobiċi

It-tishiġ tas-sorveljanza tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u tal-konsum tal-antimikrobiċi fis-saħħa tal-bniedem, kif ukoll fis-settur veterinarju u dak ambjentali, huwa kruċjali għall-UE. Dan jgħin biex jiġi vvalutat it-tixrid ta' batterji reżistenti għall-antimikrobiċi sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati politiki u azzjonijiet adegwati biex jappoġġaw l-użu prudenti tal-antimikrobiċi u miżuri xierqa ta' prevenzjoni u ta' kontroll tal-infezzjonijiet.

Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jieħdu azzjoni ulterjuri biex jagħlqu l-lakuni eżistenti fis-sorveljanza u fil-monitoraġġ, biex jiżguraw il-kompletezza tad-*data* kemm għar-reżistenza għall-antimikrobiċi kif ukoll għall-konsum tal-antimikrobiċi fil-livelli kollha, u biex jiżviluppaw sistemi integrati li jinkludu s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-animali, is-saħħa tal-pjanti, l-ikel, l-ilma mormi u l-ambjent⁶.

It-tishiġ tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ta' Saħħa Waħda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi

Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-evalwazzjoni⁶ tagħha tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali Saħħa Waħda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u sabet li filwaqt li l-pjanijiet huma fis-seħħ fl-Istati Membri kollha tal-UE, il-kontenut u d-dettall tagħhom kienu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor.

Dawn il-pjanijiet għandhom jiġu żviluppati ulterjorment skont l-approċċ Saħħa Waħda biex jiġu promossi l-użu prudenti tal-antimikrobiċi, il-koordinazzjoni intersettorjali u l-miżuri bbażati fuq l-evidenza għall-prevenzjoni, il-monitoraġġ u t-tnaqqis tat-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom jiġu evalwati mill-inqas kull tliet snin u għandhom jiġu implimentati azzjonijiet biex jiġu indirizzati s-sejbiet tal-evalwazzjonijiet.

It-tishiġ tar-riċerka u l-innovazzjoni

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tar-reżistenza għall-antimikrobiċi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jittrattaw b'mod effettiv l-infezzjonijiet b'batterji reżistenti għall-antimikrobiċi fil-bnedmin u fl-animali, billi jiżviluppaw antimikrobiċi ġodda, kif ukoll għodod u soluzzjonijiet oħra³.

Dan jista' jinkiseb permezz tal-bini u l-estensjoni ta' sħubijiet nazzjonali u internazzjonali, riċerka transnazzjonali, u l-użu ta' opportunitajiet ta' finanzjament ipprovduti mill-UE permezz ta' diversi mekkaniżmi⁷. Fl-2023, il-Parlament Ewropew għadda wkoll riżoluzzjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi li rrikonoxxiet il-ħtieġa għal aktar riċerka u żvilupp dwar antimikrobiċi ġodda u alternattivi għall-antimikrobiċi⁸.

Lil hinn min-numri: Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi taffettwa lin-nies reali



Meta Areti kellha 13-il sena, ġiet dijanjostikata b'lewkimja limfoblastika akuta, kanċer taċ-ċellooli bojod tad-dem.

Matul it-trattament tal-kanċer tagħha, żviluppat infezzjoni tar-razza ta' *Klebsiella* li kienet reżistenti għall-biċċa l-kbira tal-antibijotiċi disponibbli.

Mhux biss kellha titġabat biex tegħleb l-infezzjoni, iżda l-kimoterapija tagħha kellha tiġi sospiża wkoll, u dan ipperikola b'mod serju l-possibiltajiet tagħha ta' sopravivenza.

Id-disponibbiltà ta' antibijotiċi effettivi ppermettietilha li tirbañ l-infezzjoni u li tkompli bit-trattament tal-kanċer tagħha. Illum, 12-il sena wara, Areti hija ħajja u b'saħħitha.

Aqra l-istorja sñiħa ta' Areti: antibiotic.ecdc.europa.eu

Referenzi

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC). Il-valutazzjoni tal-piż sanitarju ta' infezzjonijiet b'batterji reżistenti għall-antibijotiċi fl-UE/fiż-ŻEE, 2016-2020. Stokkolma: ECDC; 2022. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/473CND4>
2. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-UE/fiż-ŻEE. Inħaddnu Approċċ ta' Saħħa Waħda. Pariġi: OECD; 2023. Disponibbli fuq: oe.cd/amr-eaad2023
3. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ ta' Saħħa Waħda. Brussell: EC; 2023. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/3QISwGG>
4. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Klassifikazzjoni AWaRe tal-2021. Ġinevra: WHO; 2021. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/3tXr6Q3>
5. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC). Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa - theddida għas-sikurezza tal-pazjenti fl-Ewropa. Stokkolma: ECDC; 2018. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/3QDKJp2>
6. Il-Kummissjoni Ewropea (KE). Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali Saħħa Waħda tal-Istati Membri kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Brussell: EC; 2022. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/40ftldD>
7. Il-Kummissjoni Ewropea (KE). Ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi. Brussell: KE. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/3shO8k7>
8. Il-Parlament Ewropew (KE). Hemm bżonn ta' użu prudenti tal-antibijotiċi u ta' aktar riċerka għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Brussell: EC; 2023. Disponibbli fuq: <https://bit.ly/3FFcgA9>

